**9 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Frank G. Camilleri LL.D.**

Francis Xavier *sive* Frank Mifsud

*versus*

Avukat Ġenerali

**Kostituzzjoni - Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-**

**Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem - Artikolu 6 - Smigħ Xieraq - "Xi Ħadd Akkużat b'Reat" (artikolu 39 (1) Kostituzzjoni) "Deċiżjoni dwar l-Eżistenza jew l-Estensjoni ta' Drittijiet jew Obbligi Ċivili - u "*In the Determination of his Civil Rights and Obligations or of Any Criminal Charge Against Him*" (artikolu 6 Konvenzjoni)**

*Il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għaliex ma kinitx tinkwadra ruħha f'ebda waħda mill-ipotesijiet imsemmija tas-smigħ xieraq.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih, wara li espona:

Li huwa għandu ċittadinanza Ingliża:

Li hu kellu tliet kawżi inizjati minnu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fihom ma kellux smigħ xieraq;

Li l-esponent ippreżenta kwerela fl-Għassa tal-Pulizija tal-Belt kontra Emanuel Coleiro dwar inġurja gravi kommessa fit-28 ta' Ottubru, 1995 fil-konfront tiegħu fil-*presenza ta'* xiehda;

Li meta l-kawża nstemgħet quddiem il-Maġistrat Dottor Silvio Meli fit-28 ta' April, 1995, l-ewwel instema' l-esponent bħala kwerelant, imbagħad Vincent Galea illum Avukat, xhud prodott mill-kwerelant, u wara l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi, konsulent legali tal-kwerelant, li xehed b'notament quddiemu li nkiteb dak il-ħin stess meta ntqal il-kliem inġurjuż minn Emanuel Coleiro;

Li l-Maġistrat Meli kien mill-ewwel ostili ma' l-imsemmija tliet xiehda u fil-konfront ta' uħud minnhom il-

Maġistrat Meli għadda kummenti li ma kinux f'posthom u li kienu denigratorji fil-konfront tax-xiehda. Lix-xhud Dr. Azzopardi, l-Maġistrat immarkalu, malli kien għadu ser jibda jixhed, illi l-Avukati qegħdin jarmu l-etika professjonali, u x-xhud qallu "Sur Maġistrat, bir-rispett kollu, *I take exception to that*. Huwa dover tiegħi li nitla' nixhed la darba żewġ persuni biss kien hemm preżenti meta ntqal il-kliem". Għall-kuntrarju, meta xehed il-kwerelat Emanuel Coleiro, il-Maġistrat Meli kien ġentili miegħu u ma għadda l-ebda kumment denigatorju fil-konfront tiegħu;

Li għalkemm il-Maġistrat Meli kellu quddiemu l-versjoni tal-kwerelant Frank Mifsud, korroborata mix-xhieda ta' l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi u ta' Vincent Galea, illum huwa ukoll Avukat, u min-naħa l-oħra, l-ammissjoni in parti ta' Emanuel Coleiro, huwa llibera lill-kwerelat;

Li wara l-kawża, avukati li kienu preżenti fl-Awla urew sorpriża għall-mod inugwali li bih ġew ittrattati ż-żewġ partijiet kif ukoll kif kienet iddeċidiet il-Qorti fuq il-versjonijiet li kien hemm quddiemha;

Li l-esponent ma kellux smigħ xieraq kif garantit mill-Kostituzzjoni u mill-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319, u għalhekk il-proċeduri għandhom jiġu ddikjarati nulli u bla effett;

Li, inoltre, fil-5 ta' Ottubru, 1992, l-esponent ippreżenta kwerela fl-Għassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta, kontra Frank Spiteri dwar inġurja li saret fl-1 ta' Ottubru, 1992;

Li l-kawża kellha tiġi ddifferita diversi drabi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ppresjeduta mill-Maġistrat Dottor Carol Peralta peress li l-kwerelat Frank Spiteri kien isiefer kull darba li tasallu t-taħrika biex jidher il-Qorti;

Li meta l-kawża saret fit-13 ta' Jannar, 1994, l-esponent bħala kwerelant fil-kawża ma kienx innotifikat dwar is-smigħ tal-kawża. Iżda l-Qorti semgħet il-kawża fl-assenza tiegħu bi ksur ta' l-artikolu 410 tal-Kodiċi Kriminali u dak in-nhar stess illiberat lill-kwerelat mill-imputazzjoni ta' inġurja;

Li l-esponent ma kellux l-opportunità li jappella stante li sar jaf bis-sentenza wara li għadda t-terminu ta' l-appell;

Li, fl-4 ta' Novembru, 1994, l-esponent ippreżenta kwerela oħra dwar l-istess inċident bil-ħsieb li meta tingħata l-eċċezzjoni ta' *res judicata*, huwa jeċċepixxi n-nullità tal-proċeduri u tas-sentenza mogħtija fit-13 ta' Jannar, 1994;

Li, fis-27 ta' Ġunju, 1995, meta l-kawża nstemgħet quddiem il-Maġistrat Dottor Silvio Meli li kien qed jippresjedi fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), il-kwerelat ġie lliberat mill-imputazzjoni billi l-esponent ma kienx preżenti biex jagħti x-xiehda tiegħu;

Li l-artikolu 410 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi l-kwerelant jista' jkun preżenti u għalhekk għandu dritt li jkun preżenti fil-kawża privata bejnu u l-kwerelat, iżda l-kawża tmexxiet mill-Qorti fl-assenza tiegħu u mingħajr ma kien debitament innotifikat bis-smigħ, bħallikieku kienet kawża bejn il-Pulizija u Frank Spiteri;

Li l-esponent għalhekk ma kellux smigħ xieraq a tenur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikou 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u m'għandux rimedju effettiv a tenur ta' l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni biex iħares id-drittijiet tiegħu senjatament li jiddefendi ruħu mill-inġurja u malafama mogħtija lilu mill-kwerelat;

Talab għaldaqstant umilment illi din il-Qorti jogħġobha:

Tiddikjara illi l-esponent ma kellux smigħ xieraq fil-kawża privata *fl-ismijiet* ***Francis Saviour*** *sive* ***Frank Mifsud*** *vs* **Emanuel Coleiro** li nstemgħet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-28 ta' April, 1995, minħabba vjolazzjoni ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319, u tagħti rimedji xierqa;

Tiddikjara illi l-esponent ma kellux smigħ xieraq fil-kawża privata fl-ismijiet **Frank Mifsud** *vs* **Francis Spiteri**, fit-13 ta' Jannar, 1994, kif ukoll fil-proċeduri sussegwenti fl-istess ismijiet;

Tiddikjara illi l-esponent sofra leżjoni tad-dritt tiegħu għal rimedju effettiv sanċit bl-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentata fit-18 ta' *Marzu, 1997, li biha espona:*

Li t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati għas-segwenti motivi:

Illi, fl-ewwel lok, dina l-Qorti għandha tiddeklina milli tuża s-setgħat tagħha skond l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 ta' l-Att XIV ta' l-1987 stante li r-rikorrent naqas li juża r-rimedji ordinarji u senjatament id-dritt tiegħu ta' appell mis-sentenzi lamentati;

Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jitkellmu dwar id-dritt għas-smigħ xieraq "kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat" (artikolu 39 (1), Kostituzzjoni),

fid-"deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili" (artikolu 39 (2), Kostituzzjoni), u "*in the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him*" (artikolu 6, Konvenzjoni), u s-sitwazzjoni tar-rikorrent (kwerelant f'kawża kriminali), ma tinkwadra ruħha f'ebda ipotesi kkontemplata fl-imsemmija artikoli;

Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi fil-fatt r-rikorrenti ngħata smigħ xieraq fil-kawża in kwistjoni;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti (fol. 34);

Rat l-atti l-oħra tar-rikors;

Eżaminat l-affidavits prodotti mir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Li dan ir-rikors għandu bħala anteċedenti tiegħu żewġ kwereli li r-rikorrenti ppreżenta fl-għassa tal-pulizija, fil-Belt Valletta, rispettivament dwar inġurja allegatament gravi kommessa fil-konfront tiegħu minn Emanuel Coleiro fit-28 ta' Ottubru, 1995 u dwar inġurja kommessa fil-konfront tiegħu ukoll fl-1 ta' Ottubru, 1992, minn Frank Spiteri;

*Issa, bir-rikors promotorju tiegħu, ir-rikorrenti qiegħed* jitlob lil din il-Qorti biex tiddikjara li f'dawn iż-żewġ kawżi privati deċiżi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) rispettivament fit-28 ta' April, 1995 *u fit-13 ta' Jannar, 1994, huwa ma kellux* smigħ xieraq bi ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 ta' *l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319* u biex tagħti

rimedju effettiv sanċit bl-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Kif ġà ġie aċċennat, l-intimat issottometta li dawn it-talbiet huma nfondati għaliex l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jitkellmu dwar id-dritt għas-smigħ xieraq "kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat" (artikolu 39 (1), Kostituzzjoni), fid-"deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili" (artikolu 39 (2), Kostituzzjoni) u "*in the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him*" (artikolu 6, Konvenzjoni), u s-sitwazzjoni tar-rikorrent (kwerelant f'kawża kriminali) ma tinkwadra ruħha f'ebda ipotesi kkontemplata fl-imsemmija artikoli;

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' din *is-sottomissjoni* għaliex fiż-żewġ kawżi kriminali in kwistjoni l-akkużati kienu rispettivament Emanuel Coleiro u Frank Spiteri u, għalhekk, dawn biss jistgħu jilmentaw minn vjolazzjoni tad-dritt għas-smigħ xieraq garantit mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropeja;

Huwa ukoll ċar li l-Qorti, fiż-żewġ proċedimenti imsemmija, ma kinitx mitluba tiddetermina dwar l-eżistenza jew estensjoni tad-drittijiet jew obbligi ċivili tar-rikorrenti li kien biss kwerelant u xejn aktar;

Fil-fehma tal-Qorti, xejn ma jiswa li jiġi sottomess mir-rikorrenti li huwa, bħala kwerelant, igawdi d-dritt ċivili għar-reputazzjoni tajba tiegħu b'garanzija ugwali ta' smigħ xieraq. Dan qiegħed jingħad għaliex, kif ġà intqal, ir-rikorrenti ma kienx "l-akkużat" fiż-żewġ kawżi kriminali, u għalhekk, kien ikollu d-dritt ta' smigħ xieraq kieku kien qiegħed jaġixxi ċivilment kontra Emanuel Coleiro u Frank Spiteri għall-inġurja billi huwa fi proċediment ċivili bħal dan li l-Qorti tkun mitluba

biex tiddetermina dwar l-eżistenza jew estensjoni tad-drittijiet ċivili tar-rikorrenti;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tiegħu.